## MISSJONI DJOĊESANA

# HU URĠENTI LI NXANDRU L-EVANĠELJU ANKE FI ŻMIENNA



"Fl-okkażjoni tal-Ġurnata Missjunarja Mondjali, nixtie
l-urġenza li għad hemm li nxandru l-Evanġelju
missjunarju jibqa' prijorità assoluta għall-imgħammo
qaddejja u appostli ta' Ġesù Kristu fil-bidu ta' dan il-m
impenn apostoliku nieħu pjaċir insemmi b'mod part
tal-ġnus, għaliex din is-sena qegħdin niċċelebraw
*(Benedittu XVI, Messaġġ għall-ġurnata Missjunarja 2*

- Il-Knisja min-natura tagħha hi missjunarja: ma tistax ma tevangelizzax; ma tistax ma twassalx l-aħbar tas-salvazzjoni lill-bnedmin kollha: dan hu l-kmand ta' Kristu lill-Appostli u lid-dixxipli tiegħu f'kull żmien.
- Il-liġi l-kbira tal-Knisja (*Suprema lex*) hi s-salvazzjoni tal-erwieħ, jiġifieri li l-bnedmin kollha jsalvaw u jaslu biex jagħrfu l-verità, u li din il-Verità hi Persuna, Ġesù Kristu nnifsu, il-medjatur bejn Alla u l-bnedmin (ara 1 Tim 2,4-5).
- L-Aħbar it-Tajba tal-imħabba t'Alla mhux talli ma tnaqqas xejn minn dak li hu tal-bniedem, talli "żżid" fil-ħajja tal-bniedem dak li hu ta' Alla. Għaliex issib min jibża' mill-imħabba t'Alla?!

---

## Mill-Kalendarju Djoċesan:

***Mill-Ħadd 9 sal-Ġimgħa 14 ta' Novembru***: Irtir għas-Saċerdoti (Dar Manresa)
***It-Tnejn 10 u l-Erbgħa 12 ta' Novembru***: "Ars Celebrandi" Ġimgħa Liturġika Nazzjonali (żewġ laqgħat bit-Taljan għas-Saċerdoti u Lajċi Manresa 5.00-8.00p.m.)
***Il-Ġimgħa 14 ta' Novembru***: Missjoni Djoċesana: Laqgħa Djoċesana ta' Formazzjoni (Santwarju Madonna ta' Pinu 7.00p.m.)
***Il-Ħadd 16 ta' Novembru***: Jum Dinji ta' Tifkira tal-Vittmi tat-Traffiku

*Dun Giovanni Curmi, Segretarju Pastorali*

## It-Talba tal-ġimgħa

*Agħmel minni Mulej, tempju qaddis biex ikun jistħoqqli li Inti tgħammar fija.*

gozopress • 21551534




It-32 Ħadd matul is-sena • Sena A • Id-39 Sena (2067) • 9 ta' Novembru 2008

# FESTA TAD-DEDIKAZZJONI TAL-BAŻILKA TAL-LATERAN



Kien qorob l-Għid tal-Lhud, u Ġesù tela' Ġerusalemm. Fit-tempju sab min qiegħed ibigħ barrin, nagħaġ u ħamiem, u min kien bilqiegħda jsarraf il-flus. Għamel sawt mill-ħbula, u keċċiehom ilkoll 'il barra mit-tempju, bin-nagħaġ u l-barrin tagħhom; xerred il-flus ta' dawk li kienu jsarrfu, u qalbilhom l-imwejjed. U lill-bejjiegħa tal-ħamiem qalilhom: "Warrbu dawn minn hawn, u dar Missieri tagħmluhiex dar tan-negozju?"Id-dixxipli ftakru f'dak li kien hemm miktub fl-Iskrittura,"Il-ħeġġa għal darek fnietni.' Mbagħad il-Lhud qabdu u qalulu: "X'sinjal se turina li inti tista' tagħmel dan?" Ġesù weġibhom: "Ħottu dan it-tempju, u fi tlitt ijiem nerġa' ntellgħu." Għalhekk il-Lhud qalulu: "Dan it-tempju ħa sitta u erbgħin sena biex inbena, u int se ttellgħu fi tlitt ijiem?" Iżda hu tkellem fuq it-tempju tal-ġisem tiegħu. Meta mbagħad qam mill-imwiet, id-dixxipli tiegħu ftakru f'dan li kien qal, u emmnu fl-Iskrittura u fil-kliem li kien qal Ġesù.

**RIFLESSJONI:**

- It-Tempju, il-post tas-sagrifiċċju, għandu jinżamm bħala post sagru, wieħed għandu jirrispoetta d-dinjita' tiegħu.
- Ġesu' jurina li ma' għandniex inħallu l-interessi personali jaljenawna u jnaqqsulna mir-rispett għat-tempju ta' Alla.
- Tifhem li fit-tempju ta' Alla, bil-kelma tiegħu huwa jkun qed jibnik f'tempju fejn huwa jkun jista' jgħammar ?
- B'liema mod tithejja biex toffri s-sagrifiċċju tiegħek fit-tempju ta' Alla ?